32004R1480

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1480/2004

ta' l-10 ta' Awissu 2004

li jistipula regoli speċifiċi dwar oġġetti li jaslu miż-żoni li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern ta' Ċipru fiż-żoni fejn il-Gvern jeżerċita kontroll effettiv

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(12) tiegħu,

Wara konsultazzjoni tal-Kumitat għar-Regolamentazzjoni fuq il-Linja,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 jipprovdi reġim speċjali għat-trattament ta' oġġetti li jaslu miż-żoni li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru (minn hawn 'il quddiem imsemmija "iż-Żoni") għaż-żoni fejn il-Gvern jeżerċita kontroll effettiv.

(2) L-implimentazzjoni tar-reġim mwaqqaf bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004, dwar oġġetti minn barra dawk li huma kemm miksuba għal kollox fiż-Żoni kif ukoll konformi ma' l-Anness II ta' dak ir-Regolament, hija soġġetta għall-addozzjoni ta' regoli speċifiċi mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4(12) tar-Regolament. Huwa intenzjonat pero b'mod ċar li dawn ir-regoli speċifiċi għandhom japplikaw għall-oġġetti fl-ambitu tar-Regolament.

(3) Huwa neċessarju jiġu pprovduti regoli dettaljati dwar il-forma u l-kontenut tad-dokument li għandhu jinħareġ mill-Kamra tal-Kummerċ Turko Ċiprijotta jew minn xi korp awtorizzat ieħor u dwar kontrolli fir-rigward tal-konformità mar-regoli applikabbli.

(4) Huwa wkoll neċessarju jiġu pprovduti regoli dettaljati dwar obbligi ta' komunikazzjoni għall-Kamra tal-Kummerċ Turko Ċiprijotta jew korp ieħor awtorizzat, l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru, u l-awtoritajiet taż-Żona Bażi Sovrana ta' Lvant f'Ċipru dwar in-natura, l-kwantitajiet, id-destinazzjoni u l-valur ta' l-oġġetti għal xiex jiġu stabbiliti ċertifikati u li jaqbżu l-linja, kif ukoll kwalunkwe sanzjonijiet applikati jew dazji ta' importazzjoni li ġew imposti.

(5) Saħħa tal-pjanti, sigurtà alimentari u ħtiġijiet oħra ta' sigurtà jeħtieġ li jiġu garantiti. Il-protezzjoni kontra l-introduzzjoni fil-Komunità u kontra t-tixrid fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti għandha tkun żgurata u regoli dettaljati dwar il-ħruġ ta' dokumenti relatati mal-kontrolli kif msemmija fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 għandhom jiġu mwaqqfa. Sa t-twaqqif ta' l-istatus fitosanitarju taż-Żoni dwar l-organiżmi relevanti li huma ta' ħsara elenkati fl-Anness I jew II tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE [2], għandhom jiġu mposti miżuri speċifiċi protettivi jew kontrolli addizzjonali.

(6) Għal raġunijiet ta' sigurtà u sabiex jiġi evitat mill-bidunett kwalunkwe abbuż ċertu kategoriji ta' oġġetti li huma soġġetti għal restrizzjonijiet jew miżuri ta' difiża kummerċjali għandhom jiġu eskluż mill-kamp ta' l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 866/2004.

(7) Għandhu jiġi ċċarat li fl-eventwalità ta' trasferiment ta' oġġetti li joriġinaw fiż-Żoni għal Stati Membri oħra, dawk l-oġġetti għandhom umbagħad għall-għanijiet ta' VAT jitqiesu li ġew impurtati fir-Repubblika ta' Ċipru.

(8) Huwa wkoll neċessarju jiġi determinat it-tifsir ta' emerġenzi f'Artikolu 11(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 866/2004,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regoli ta' Oriġini

L-oriġini ta' kwalunkwe prodott għal xiex japplika dan ir-Regolament għandu jiġi determinat skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità.

Artikolu 2

Dokument anċillari

1. Id-dokument anċillari msemmi f'Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(1) għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha neċessarji biex jidentifikaw l-oġġetti għal xiex huwa jirrelata, b'mod partikolari:

(a) deskrizzjoni ta' l-oġġetti;

(b) in-numru ta' l-oġġett, marki u numri ta' l- oġġetti, jekk hemm;

(c) in-numru u l-għamla tal-pakketti;

[1] ĠU L 161, tat-30.4.2004, p. 128.

[2] GU L 169, 10.7.2000, p. 1.

(d) il-volum u l-valur ta' l-oġġetti;

(e) l-isem u l-indirizzi tal-produtturi ta' l-oġġetti;

(f) l-isem u l-indirizz ta' min jikkonsenja u d-destinatarju.

(2) għandu jassigura l-konformità mar-regoli ta' l-oriġini msemmija f'Artikolu 1 u jiċċertifika b'mod ċar li l-oġġetti għal xiex jirrelata joriġinaw fiż-żoni kif definiti f'Artikolu 1 (1) tal-Protokoll Nru 10 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003; għal dak il-għan, qabel ma jinħareġ tali dokument, il-Kamra tal-Kummerċ Turko Ċiprijotta jew kwalunkwe korp ieħor awtorizzat għandu jagħmel il-kontrolli kif meħtieġ biex jaċċerta li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-produttur u minn min jikkonsenja huma preċiżi. Tali kontrolli għandhom jinkludu ta' lanqas verifikazzjoni waħda fil-bini tal-produttur.

Id-dokument anċillari għandu jsir fuq formoli li jikkorrispondu mal-kampjun mogħti fl-Anness I.

2. Operaturi li jitolbu dokument anċillari għandhom jissottomettu applikazzjoni bil-miktub lill-korpi li johorġu d-dokumenti msemmija hawn fuq. Din l-applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(1) dikjarazzjoni mill-produttur li biha huwa

(a) jiddikjara li l-oġġetti konċernati joriġinaw fiż-żoni kif definiti f'Artikolu 1(1) tal-Protokoll Nru 10 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003;

(b) jobbliga li jżomm disponibbli għall-għanijiet ta' kontroll għal perjodu ta' żmien ta' lanqas ta' tlett snin mid-data ta' l-applikazzjoni l-kontijiet kollha li jikkonċernaw il-produzzjoni (inkluż ix-xiri ta' materja prima) u l-bejgħ ta' l-oġġetti u li jaċċetta li l-kontrolli jistgħu jsiru fi kwalunkwe żmien raġonevoli mill-korpi msemmija fil-paragrafu 1 jew mis-servizzi tal-Kummissjoni;

(2) dikjarazzjoni minn min jikkonsenja li tikkonċerna d-destinazzjoni ta' l-oġġetti.

Il-formola ta' l-applikazzjoni għandha ssir fuq il-formoli li jikkorrispondu mal-kampjun mogħti fil-Anness II.

3. Il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 (2) għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni, il-Gvern ta' Ċipru, u l-awtoritajiet taż-Żona Bażi Sovrana ta' Lvant l-ismijiet u t-titoli tal-persuni nkarigati biex jiffirmaw id-dokumenti kif ukoll kampjun tal-firma tagħhom u t-timbru użat.

4. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom jinfurmaw lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar każijiet ta' dubju raġonevoli dwar il-konformità ta' l-oġġetti mal-kriterji ta' l-oriġini. F'tali każijiet, l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom iħallu l-oġġetti jaqsmu l-linja bil-kundizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004, soġġetta għal kwalunkwe miżuri ta' prekawzjoni li huma meqjusa neċessarji sakemm jiġu mistennija r-riżultati tal-verifikazzjoni sussegwenti.

Jekk jiġi stabbilit li d-dokumenti nħarġu mingħajr ma' l-kundizzjonijiet ġew sodisfatti kif inhu xieraq, id-dazji u t-taxxi kollha dovuti mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' l-oġġetti fit-territorju doganali tal-Komunità ser jiġu dovuti, bir-rata applikabbli għall-pajjiżi terzi fin-nuqqas ta' xi trattament preferenzjali. Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-okkorrenza ta' dejn doganali u l-irkupru tiegħu għandhom japplikaw mutatis mutandis.

Artikolu 3

Spezzjoni Fitosanitarja u Rappurtar

1. Fejn l-oġġetti jikkonsistu fi pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra koperti minn Parti B ta' l-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE, esperti indipendenti fitosanitarji maħtura mill-Kummissjoni u li joperaw f'koordinazzjoni mal-Kamra tal-Kummerċ Turko Ċiprijotta għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004, għandhom jispezzjonaw l-oġġetti fl-istadju tal-produzzjoni u għal darb'oħra fi żmien il-ħsad u fl-istadju tat-tqegħid fis-suq.

Fil-każ tal-patata, l-esperti t'hawn fuq għandhom jivverifikaw li l-patata fil-kunsinna ġiet imkabbra direttament minn żrieragħ tal-patata ċertifikati f'wieħed mill-Istati Membri jew minn żrieragħ tal-patata ċertifikati fi kwalunkwe pajjiż ieħor li għalih id-dħul fil-Komunità ta' patata intenzjonata għat-thawwil mhux projbita skond l-Anness III tad-Direttiva 2000/29/KE.

Fil-każ ta' frott taċ-ċitru, l-esperti t'hawn fuq għandhom jivverifikaw li l-frott nstab mingħajr weraq u pedunkuli u jġorr l-marka xierqa ta' oriġini.

2. Jekk l-esperti t'hawn fuq, sa fejn jafu u sa fejn jista' jiġi determinat, jistabbilixxu li l-pjanti relevanti, l-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fil-kunsinna jikkonformaw mal-ħtiġijiet relevanti u l-kontrolli mniżżla fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 kif ukoll mad-dispożizzjonijiet tat-tieni u t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, għandhom jirrapurtaw

dak li jsibu, billi jużaw il-kampjun tal-formola ta'"Rapport ta' spezzjoni Fitosanitarja" skond Anness III ma' dan ir-Regolament. Ir- "Rapport ta' spezzjoni Fitosanitarja" għandu jiġi miżjud bħalha suppliment għad-dokument anċillari msemmi f'Artikolu 2.

L-esperti m'għandhomx joħorġu "Rapporti ta' spezzjoni Fitosanitarja" dwar pjanti intenzjonati għat-tħawwil, inkluż tuberi ta' *Solanum tuberosum* (L.) intenzjonati għat-tħawwil.

3. Huma għandhom konsegwentament jissiġillaw it-trakkijiet u l-mezzi l-oħra ta' trasport b'tali mod li ma jħallhux kwalunkwe ftuħ tal-kunsinna sakemm taqsam il-linja. L-ebda oġġett kopert mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandu jaqsam il-linja sakemm l-imsemmi rapport ma jkunx mimli kompletament u ffirmat kif imiss minn ta' lanqas wieħed mill-esperi fitosanitarji msemmija hawn fuq.

4. Mal-wasla fiż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw il-kunsinna. Fejn huwa applikabbli, ir-"Rapport ta' spezzjoni Fitosanitarja" għandu jiġi sostitut minn passaport tal-pjanti, maħruġ f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi tal-Kummissjoni 92/105/KEE [1] u 93/51/KEE [2].

5. Jekk il-kunsinna tikkonsisti fi jew fiha lottijiet tal-patata, parti xierqa ta' dawn il-lottijiet għandha tiġi eżaminata fir-rigward ta' *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi et al. u *Clavibacter michiganensis* ssp. *sepedonicus* (Spieckermann et Kotthoff) Davis et al., skond il-metodi stabbiliti tal-Komunità għall-iskoperta u d-dijanjosi ta' dawk l-organiżmi li jagħmlu ħsara.

Artikolu 4

Sigurtà ta' Ikel u Prodotti, Oġġetti Falsifikati u Pirata

1. Għall-raġunijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ċaqlieq u qsiem tal-linja ta' għalf kompost ta' l-annimali, adittivi ta' l-għalf, pretaħlit, jew kull għalf ta' l-annimali li fih prodotti li joriġinaw mill-annimali u kwalunkwe prodott li jaqa' taħt id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni elenkati fl'Anness IV kif ukoll deċiżjonijiet simili adottati fil-futur għandu jkun projbit. Artikoli 6, 7 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 [3] għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

2. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u l-awtoritajiet taż-Żona Bażi Sovrana ta' Lvant għandhom jassiguraw li l-oġġetti li jaqsmu l-linja jikkonformaw mar-regoli tal-KE dwar saħħa, sigurtà, protezzjoni ambjentali u tal-konsumatur u fuq il-projbizzjoni tad-dħul ta' l-oġġetti falsifikati u pirata.

Artikolu 5

Miżuri ta' Difiża tal-Kummerċ

L-ebda dokument anċillari m'għandu jinħareġ għal oġġetti li huma soġġetti għal miżuri ta' l-UE ta' difiża tal-kummerċ, inkluż oġġetti li jinkorporaw materjali soġġetti għal tali miżuri. Din hija bla ħsara għall-applikazzjoni ta' l-istrumenti tal-Komunità kontra id-*dumping*, kontra s-sussidju, salvagwardi jew strumenti oħra ta' difiża tal-kummerċ.

Artikolu 6

VAT

Fl-eventwalità li oġġetti li joriġinaw fiż-Żoni ser jiġu trasferiti fi Stati Membri oħra, id-dħul tagħhom ta' qabel fiż-żoni li huma taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern għandu jiġi trattat bħal li kieku kien importazzjoni ta' oġġetti skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE [4] għal xiex is-sid ta' l-oġġetti jew kwalunkwe persuna oħra nominata jew aċċettata bħalha responsabbli mill-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru għandu jkun reponsabbli għall-ħlas tal-VAT ta' importazzjoni skond l-Artikolu 21(4) ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 7

Emerġenzi

Emerġenzi oħra fit-tifsira ta' l-Artikolu 11 (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 għandhom jinkludu kwalunkwe sitwazzjoni jew ċirkostanza li tista tikkawża jew thedded li tikkawża dannu ekonomiku serju u kontinwu lil reġjun fir-Repubblika ta' Ċipru jew kwalunkwe sitwazzjoni jew ċirkostanza li qegħda toħloq jew thedded li toħloq riskju għall- funzjonament tas-Suq Intern, b'mod partikolari fejn tali theddid jinholoq bin-non-applikazzjoni fiż-Żoni ta' dazji ta' importazzjoni ekwivalenti għal dawk stabbiliti skond it-Tariffa Doganali Komuni dwar materja prima użata fl-iproċessar ta' l-oġġetti.

Artikolu 8

Obbligi ta' Komunikazzjoni

1. Il-Kamra tal-Kummerċ Turko Ċiprijotta jew korp ieħor awtorizzat skond l-Artikolu 4 (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 għandha tibgħat lill-Kummissjoni kull xahar it-tip, il-volum, u l-valur ta' l-oġġetti għal xiex ħarġet id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 2 (1), u dettalji ta' kwalunkwe irregolaritajiet skoperti u kwalunkwe sanzjonijiet applikati.

[1] Text missing 1
[2] Text missing 2
[3] Text missing 3
[4] Text missing 4

2. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru, skond l-Artikolu 4 (2), (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004, għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni kull xahar it-tip, il-volum u l-valur ta' l-oġġetti li, skond id-dikjarazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 2 (1), qasmu l-linja, dettalji ta' kwalunkwe irregolaritajiet skoperti u kwalunkwe sanzjonijiet applikati, u dettaliji ta' kwalunkwe tariffi jew dazji li ġew imposti fuq oġġetti soġġetti għal rifużjonijiet ta' esportazzjoni jew miżuri ta' intervenzjoni.

3. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni kull tlett xhur it-tip, il-volum, u l-valur ta' l-oġġetti ta' liema d-destinazzjoni finali ma kienitx ir-Repubblika ta' Ċipru skond id-dikjarazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 2 (1). Oġġetti li għandhom Stat Membru għajr Ċipru bħalha d-destinazzjoni finali tagħhom għandhom jissemmew separatament.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar l-10 ta' Awissu 2004.

Għall-Kummissjoni
Gunter VERHEUGEN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Kampjun tad-dokument anċillari msemmi fl-Artikolu 2(1)

	ORIĠINAL	
DOKUMENT ANĊILLARI SKOND IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL Nru 866/2004 Nru: 00001		
Produttur (Isem, jew isem tad-ditta, u indirizz sħiħ):		
Min jikkonsenja (Isem, jew isem tad-ditta, u indirizz sħiħ):		
Id-destinatarju (Isem, jew isem tad-ditta, u indirizz sħiħ):		
Deskrizzjoni ta' l-oġġetti, numru ta' l-oġġett, numri tal-marki, numru u tip ta' pakketti (għall-oġġetti mhux ippakkjati indika n-numru jew 'bil-kwantità'):	**Volum/Kwantità**	**Valur tat-Transazzjoni**
	Piż Nett (kg)/unitajiet oħra ta' kejl	

Dikjarazzjoni minn min jikkonsenja

L-oġġetti msemmija f'dan id-dokument huma:

☐ Destinati għall-konsum f'Ċipru

☐ Mhux destinati għall-konsum f'Ċipru. Jekk jogħġbok speċifika il-pajjiż tad-destinazzjoni:

Data *Firma*

Ċertifikazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ Turko Ċiprijotta

Hawnhekk qed jiġi ċertifikat, abbażi tal-kontrolli li saru, li l-oġġetti msemmija hawn fuq joriġinaw, fit-tifsira ta' l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/93, fiż-żoni kif imfissra fl-Artikolu 1 (1) tal-Protokoll Nru 10 ta' l-Att ta' Adeżjoni 2003 u li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-produttur humaċ preċiżi.

Data

Firma awtorizzata u timbru

ANNESS II

Kampjun tal-formola ta' l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(2)

	APPLIKAZZJONI	
FORMOLA TA' L-APPLIKAZZJONI SKOND IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL Nru 866/2004 Nru: 00001		
Produttur (Isem, jew isem tad-ditta, u indirizz sħiħ):		
Min jikkonsenja (Isem, jew isem tad-ditta, u indirizz sħiħ):		
Id-destinatarju (Isem, jew isem tad-ditta, u indirizz sħiħ):		
Deskrizzjoni ta' l-oġġetti, numru ta' l-oġġett, numri tal-marki, numru u tip ta' pakketti (għall-oġġetti mhux ippakkjati indika n-numru jew 'bil-kwantità'):	**Volum/Kwantità** **Piż Nett (kg) / unitajiet oħra ta' kejl**	**Valur tat-Transazzjoni**

Dikjarazzjoni mill-Produttur

Jiena, hawn taħt iffirmat,

— niddikjara li l-oġġetti deskritti hawn fuq joriġinaw, fit-tifsira ta' l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/93, fiż-żoni kif imfissra fl-Artikolu 1 (1) tal-Protokoll Nru 10 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003,

— niddikjara li l-partikolaritajiet moghtija f'din l-applikazzjoni huma korretti,

— niddikjara li ser inżomm disponibbli ghal ghanijiet ta' kontrolli ghal perjodu ta' żmien ta' lanqas ta' tlett snin il-kontijiet kollha li jikkonċernaw il-produzzjoni (inkluż ix-xiri ta' materja prima) u l-bejgh ta' l-oġġetti,

— naċċetta li kontrolli jistghu jsiru f'kull hin raġonevoli mill Kamra tal-Kummerċ Turko Ċiprijotta, mill-esperti fitosanitarji skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 jew mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Data *Firma*

Dikjarazzjoni minn min jikkonsenja

L-oġġetti msemmija f'din l-applikazzjoni huma:

☐ Destinati ghall-konsum f'Ċipru

☐ Mhux destinati ghall-konsum f'Ċipru. Jekk joghġbok speċifika l-pajjiż ta' destinazzjoni:

Jien, hawn taħt iffirmat, qed napplika ghall-hruġ tad-dokument anċillari skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 866/2004.

Data *Firma*

ANNESS III

Kampjun tar-"Rapport ta' l-ispezzjoni Fitosanitarja" msemmija fl-Artikolu 3(2)

<table>
<tr><td colspan="2">1. Rapport ta' spezzjoni Fitosanitarja skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 866/2004
Numru</td></tr>
<tr><td>2. Isem, jew isem tad-ditta, u indirizz shih ta' min jikkonsenja</td><td>3. Isem, jew isem tad-ditta, u indirizz shih tad-destinatarju</td></tr>
<tr><td>4. Numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur (ma' l-esperti fitosanitarji) u l-post tal-produzzjoni</td><td>5. Isem u indirizz shih ta' l-istazzjon ta' l-ippakjar</td></tr>
<tr><td>6. Deskrizzjoni tal-kunsinna (marki li jiddistingwixxu; isem tal-prodott; isem botaniku)</td><td>7. Kwantità dikjarata</td></tr>
<tr><td>8. Mezz tat-trasport</td><td>9. Trattament ta' wara l-hsad (Trattament; Ingredjent attiv ; Konċentrazzjoni; Temperatura)</td></tr>
<tr><td colspan="2">10. L-espert fitosanitarju hawn taht iffirmat skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 866/2004, wara li
— spezzjona l-prodott msemmi hawn fuq skond proċeduri xierqa, fl-istadju tal-produzzjoni u ghal darb'ohra fi żmien il-hsad u fl-istadju tal-preparazzjoni ghat-tqeghid fis-suq
— ghamilha ta' xhud ghat-taghbija tal-mezz tat-trasport u ssiġillah meta t-taghbija tlestit,
b'dan jikkonkludi li sa fejn jaf hu u sa fejn jista' jiġi determinat l-oġġetti
— huma kkunsidrati li jikkonformaw mar-regolamenti preżenti fitosanitarji ta' l-UE u b'mod partikolari
— huma kkunsidrati li ma fihomx organiżmi li jagħmlu l-hsara li jinsabu fl-Anness I u, fejn applikabbli, Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE, kif emendata,
— fil-każ tal-patata, li l-patata fil-kunsinna ġiet mkabbra direttament minn żrieragh tal-patata ċertifikati f'wieħed mill-Istati Membri jew minn żrieragh tal-patata ċertifikati fi kwalunkwe pajjiż ieħor li għalih id-dhul fil-Komunità ta' patata intenzjonata ghat-thawwil mhux projbita skond l-Anness III tad-Direttiva 2000/29/KE,
— fil-każ tal-frott taċ-ċitru, li l-frott nstab minghajr weraq u pedunkuli u jġorr l-marka xierqa ta' oriġini.

Isem u firma ta' l-espert(i) fitosanitarju Post u data tal-hruġ
(1) .....
(2) (espert ko-firmatarju mhux obbligatorju)</td></tr>
</table>

ANNESS IV

Elenku ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 4(1)

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/80/KE, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/429/KE, li timponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni tat-tin, ġellewż u pistaċċi u ċertu prodotti derivanti minnhom li joriġinaw fit-Turkija jew huma kkunsinnati mit-Turkija

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/79/KE, kif emendata l-aħħar bi 2004/429/KE, li timponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni tal-karawett u ċertu prodotti derivati mill-karawett li joriġinaw fiċ-Ċina jew huma kkunsinnati miċ-Ċina

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/49/KE, kif emendata l-aħħar bi 2004/429/KE, li timponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni tal-karawett u ċertu prodotti derivati mill-karawett li joriġinaw fl-Eġittu jew huwa kkunsinnati mill-Eġittu

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/493/KE, kif emendata l-aħħar bi 2004/428/KE, li timponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni tal-ġewż tal-Brażil fil-qoxra li joriġinaw fil-Brażil jew li huwa kkunsinnati mill-Brażil

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1997/830/KE, kif emendat l-aħħar bi 2004/429/KE li timponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni ta' pistaċċi u ċertu prodotti derivati mill-pistaċċi li joriġinaw fl-Iran jew li huma kkunsinnati mill-Iran

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/92/KE tal-21 ta' Jannar 2004 dwar miżuri ta' emerġenza dwar bżar aħmar u prodotti tal-bżar aħmar